REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/401

tal-14 ta' Marzu 2018

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 139/2014 fir-rigward tal-klassifikazzjoni tar-runways

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8a(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2014 ([2]) jistipula d-definizzjonijiet tat-terminu "runway ta' strument" għall-finijiet ta' dak ir-Regolament. Id-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament għandhom jirriflettu l-aħħar żviluppi u l-aqwa prattiki fil-qasam tal-ajrudromi u jqisu l-istandards internazzjonali applikabbli.

(2) L-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO), fl-ittra tagħha lill-Istat AN 41.2.24–13/20, adottat l-Emenda 11-B tal-Anness 14, il-Volum 1 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, li ilha applikabbli fl-Istati Kontraenti tal-ICAO mit-13 ta' Novembru 2014. Il-bidliet li hemm fiha jissimplifikaw il-klassifikazzjoni eżistenti tal-avviċinament tar-runway u jiddeskrivu b'mod aktar preċiż id-diversi tipi ta' operazzjonijiet ta' avviċinament u ta' nżul.

(3) Dawk il-bidliet fl-Anness 14 tal-Konvenzjoni ta' Chicago għandhom ikunu riflessi fir-Regolament (UE) Nru 139/2014, b'mod partikolari fid-dispożizzjonijiet tiegħu dwar l-operazzjonijiet ta' avviċinament bi gwida vertikali tan-navigazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni (PBN) u r-rekwiżiti tar-runway f'rabta mal-operazzjonijiet ta' avviċinament. Addizzjonalment, l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' avviċinament bi gwida vertikali tal-PBN minn għadd sinifikanti ta' ajrudromi, mingħajr il-ħtieġa li tiġi mtejba l-infrastruttura tar-runway tagħhom, jenħtieġ li tkun iffaċilitata.

(4) Jenħtieġ għalhekk li r-Regolament (UE) Nru 139/2014 jiġi emendat kif xieraq.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-Opinjoni Nru 03/2016 maħruġa mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni skont l-Artikolu 17(2)(b) u l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 139/2014 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2014 tat-12 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi rekwiżiti u proċeduri amministrattivi b'rabta mal-ajrudromi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 44, 14.2.2014, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Marzu 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 139/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt (22) jinbidel b'dan li ġej:

"(22) 'runway ta' strument' tfisser waħda mit-tipi ta' runways li ġejjin maħsuba għall-operat ta' inġenji tal-ajru permezz ta' proċeduri tal-avviċinament bl-istrumenti:

1. 'runway b'avviċinament mhux bi preċiżjoni': runway attrezzata b'għajnuniet viżwali u b'mill-inqas għajnuna mhux viżwali waħda, maħsuba għall-operazzjonijiet tal-inżul wara operazzjoni tal-avviċinament bl-istrumenti tat-tip A;

2. 'runway b'avviċinament bi preċiżjoni, il-Kategorija I': runway attrezzata b'għajnuniet viżwali u b'mill-inqas għajnuna mhux viżwali waħda, maħsuba għall-operazzjonijiet tal-inżul wara operazzjoni tal-avviċinament bl-istrument tat-tip B CAT I;

3. 'runway b'avviċinament bi preċiżjoni, il-Kategorija II': runway attrezzata b'għajnuniet viżwali u b'mill-inqas għajnuna mhux viżwali waħda, maħsuba għall-operazzjonijiet tal-inżul wara operazzjoni tal-avviċinament bl-istrument tat-tip B CAT II;

4. 'runway b'avviċinament bi preċiżjoni, il-Kategorija III': runway attrezzata b'għajnuniet viżwali u b'mill-inqas għajnuna mhux viżwali waħda, maħsuba għall-operazzjonijiet tal-inżul wara operazzjoni tal-avviċinament bl-istrument tat-tip B CAT IIIA, IIIB jew IIIC u matul is-superfiċe tar-runway;";

(2) jiddaħħlu l-punti (47a) u (47b) li ġejjin:

"(47a) 'operazzjoni ta' avviċinament tat-tip ta' strument A' tfisser operazzjoni ta' strument ta' avviċinament b'għoli minimu ta' nżul jew għoli deċiż ta' 75 m (250 pied) jew ogħla;

(47b) 'operazzjoni ta' avviċinament tat-tip ta' strument B' tfisser operazzjoni ta' strument ta' avviċinament b'għoli deċiż aktar baxx minn 75 m (250 pied). L-operazzjonijiet ta' avviċinament tat-tip ta' strument B huma kkategorizzati kif ġej:

1. Kategorija I (CAT I): għoli deċiż mhux iktar baxx minn 60 m (200 pied) u b'viżibbiltà ta' mhux inqas minn 800 m jew medda viżwali tar-runway ta' mhux inqas minn 550 m;

2. Kategorija II (CAT II): għoli deċiż iktar baxx minn 60 m (200 pied), iżda mhux iktar baxx minn 30 m (100 pied) u medda viżwali tar-runway ta' mhux inqas minn 300 m;

3. Kategorija IIIA (CAT IIIA): għoli deċiż iktar baxx minn 30 m (100 pied) jew bl-ebda għoli deċiż u medda viżwali tar-runway ta' mhux inqas minn 175 m;

4. Kategorija IIIB (CAT IIIB): għoli deċiż iktar baxx minn 15-il m (50 pied) jew bl-ebda għoli deċiż u medda viżwali tar-runway ta' inqas minn 175 m iżda ta' mhux inqas minn 50 m;

5. Kategorija IIIC (CAT IIIC): bl-ebda għoli deċiż u bl-ebda limitazzjoni tal-medda viżwali tar-runway;".